ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 87

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

8 ta' April 2008

## Informazzjoni u Avviżi

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**


| | | |
|---|---|---|
| 2008/C 87/01 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 1 |
| 2008/C 87/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4896 — CVC Capital Partners/Katope International) (1) | 4 |
| 2008/C 87/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5049 — Goldman Sachs/Colony Capital/But) (1) | 4 |


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**


| | | |
|---|---|---|
| 2008/C 87/04 | Rata tal-kambju ta' l-euro | 5 |


MT



(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**


2008/C 87/05 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5113 — Abe Investment/Getty) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ... 6

2008/C 87/06 Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5106 — Candover/Bourne Leisure) ([1]) ... 7


ATTI OĦRAJN

**Kummissjoni**


2008/C 87/07 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel ... 8


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 87/01)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 30.1.2008 |
| Għajnuna Nru | N 357/07 |
| Stat Membru | L-Ungerija |
| Reġjun | Minden régió |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Az Oktatási és Kulturális Minisztérium fejezeti kezelésű előirányzatai és a Nemzeti Kulturális Alap |
| Il-bażi legali | A Nemzeti Kulturális Alapról szóló 1993. évi XXIII. törvény; a Kormány …/2007. (…) Kormány rendelettervezete a kultúrát és a kulturális örökség megőrzését előmozdító állami támogatásokról; a Nemzeti Kulturális Alapról szóló 1993. évi XXIII. törvény végrehajtásáról szóló 9/2006. (V.9.) NKÖM rendelet; az oktatási és kulturális miniszter …/2007. (…) OKM rendelettervezete a Nemzeti Kulturális Alapról szóló 1993. évi XXIII. törvény végrehajtásáról szóló 9/2006. (V.9.) NKÖM rendelet módosításáról; a XX. Oktatási és Kulturális Minisztérium költségvetési fejezethez tartozó fejezeti kezelésű előirányzatok pályázat útján történő felhasználásának szabályairól szóló …/2007. OKM rendelettervezete |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura, Il-konservazzjoni ta' wirt |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta, Self b'rata ta' imgħax baxxa |
| L-estimi | Baġit annwali: HUF 37 699,1 miljun<br>Baġit globali: HUF 226 194,6 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 1.9.2007-1.9.2012 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet kulturali |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | 1. Oktatási és Kulturális Minisztérium<br>H-1055 Budapest, Szalay u. 10-14.<br>2. Nemzeti Kulturális Alap<br>H-1085 Budapest, Gyulai Pál utca 13 |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 21.2.2008 |
| Għajnuna Nru | N 761/07 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Reġjun | Northern Ireland |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Northern Ireland R&D Challenge Fund |
| Il-bażi legali | Article 9(a) of the Industrial Development (Northern Ireland) Order 1982, Part III |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta, Provvista ta' kapital ta' riskju |
| L-estimi | Baġit globali: GBP 0,5 miljun |
| L-intensità | 60 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2008-31.12.2008 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Invest NI Bedford Square<br>Bedford Street<br>Belfast BT2 7EH |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 8.2.2008 |
| Għajnuna Nru | N 13/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Friuli-Venezia-Giulia |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Modifica del regime di aiuti N 433/04 a favore dell'ambiente nel Friuli-Venezia-Giulia |

| | |
|---|---|
| Il-bażi legali | Deliberazione della Giunta regionale n. 1002 del 22 aprile 2004 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-ħarsien ta' l-ambjent |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 8,5 miljun |
| L-intensità | 45 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2008-31.12.2008 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Regione Friuli-Venezia-Giulia<br>Via Udine 9<br>I-34132 Trieste |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4896 — CVC Capital Partners/Katope International)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 87/02)

Fit-8 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M4896. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5049 — Goldman Sachs/Colony Capital/But)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 87/03)

Fil-11 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5049. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## Is-7 ta' April 2008

(2008/C 87/04)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,5693 | TRY | Lira Turka | 2,0071 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 161,13 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6977 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4592 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5804 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,78935 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 12,2257 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3687 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9760 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5917 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,1682 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 113,51 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 529,91 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9685 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,2705 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,9875 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,019 | HRK | Kuna Kroata | 7,2725 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 429,71 |
| HUF | Forint Ungeriż | 254,05 | MYR | Ringgit Malażjan | 5,0037 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 65,471 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6971 | RUB | Rouble Russu | 36,9900 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,4568 | THB | Baht Tajlandiż | 49,692 |
| RON | Leu Rumen | 3,6808 | BRL | Real Brażiljan | 2,6703 |
| SKK | Krona Slovakka | 32,388 | MXN | Peso Messikan | 16,5404 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.5113 — Abe Investment/Getty)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 87/05)

1. Fit-28 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Abe Investment, L.P. ("Abe Investment", l-Istati Uniti ta' l-Amerika), ikkontrollata minn Hellman & Friedman Capital Partners VI, L.P. ("HFCP", l-Istati Uniti ta' l-Amerika), akkwistat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll sħiħ ta' l-impriża Getty Images, Inc. ("Getty Images", l-Istati Uniti ta' l-Amerika), permezz ta' ftehim għall-amalgamazzjoni ta' Abe Acquisition Corp. ("Abe Acquisition", l-Istati Uniti ta' l-Amerika), sussidjarja li hija kollha kemm hi proprjetà ta' Abe Investment, ma' Getty Images.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— HFCP: investiment t'ekwità privata Is-setturi ta' investiment huma s-servizzi finanzjarji, is-servizzi tas-saħħa, industrijali/ta' l-enerġija, l-assigurazzjoni, il-midja/il-kummerċjalizzazzjoni, is-servizzi professjonali, is-servizzi tas-software/ta' l-informazzjoni,

— Getty Images: il-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' kontent tal-midja diġitali.

3. Permezz ta' eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riservata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

L-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5113 — Abe Investment/Getty, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

## Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.5106 — Candover/Bourne Leisure)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 87/06)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fis-7 ta' Marzu 2008 il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej irċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta bejn Candover Partners Limited ("Candover", ir-Renju Unit) u Bourne Leisure Holdings Limited ("Bourne Leisure", ir-Renju Unit). Fit-28 ta' Marzu 2008, il-partijiet notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li huma kienu qed jirtiraw in-notifika.

# ATTI OĦRAJN

# KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel**

(2008/C 87/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (1). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"AIL BLANC DE LOMAGNE"**

**Nru tal-KE: FR/PGI/005/0470/15.06.2005**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Institut National de l'Origine et de la Qualité (I.N.A.O.) |
| Indirizz: | 51, rue d'Anjou<br>F-75008 Paris |
| Tel. | (33) 153 89 80 00 |
| Feks | (33) 142 25 57 97 |
| Posta elettronika: | info@inao.gouv.fr |

2. **Għaqda:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Association de Défense de l'ail blanc de Lomagne |
| Indirizz: | Comité BGSO/Agropôle<br>Bât. Alphagro<br>BP 206<br>F-47931 Agen cedex 9 |
| Tel. | (33) 553 77 22 70 |
| Feks | (33) 553 77 22 79 |
| Posta elettronika: | ailblancdelomagne@valorhea.fr |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/Proċessaturi ( X ) Oħrajn ( X ) |

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali fl-istat naturali jew ipproċessati

4. **Speċifikazzjoni:**

(Sinteżi tar-rekwiżiti skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem:* "Ail blanc de Lomagne"

4.2. *Deskrizzjoni:* Irjus ta' lewn abjad għal lewn l-avorju, xi drabi b'laqta vjola, magħmula minn għadd ta' sinniet (8 sa 12 skond id-daqs). It-tewm abjad ta' Lomagne ("Ail blanc de Lomagne") jingħaraf mill-kobor tiegħu u r-regolarità tas-sinniet lewn beige għal krema, sikwit bi strixxi vjola. Kull waħda minn dawn is-sinniet għandha qoxra magħmula minn rita waħda. Is-sinniet flimkien jagħmlu basla miksija b'bosta riti rqaq.

L-irjus tat-tewm abjad ta' Lomagne jinbigħu f'kategoriji Extra jew kategorija 1 b'xi restrizzjonijiet fil-każ ta' din ta' l-aħħar, fejn fost l-oħrajn, l-irjus għandhom dijametru minimu ta' 45 mm.

It-tewm abjad ta' Lomagne jinbigħ niexef, ippreżentat tradizzjonalment bħala faxx jew f'basket, f'boroż jew platti, jew f'unitajiet għall-konsumaturi f'boroż tax-xibka.

4.3. *Żona ġeografika:* Il-kultivazzjoni, it-tnixxif, it-tqaxxir u x-xogħol fuq il-preżentazzjoni huma marbuta maż-żona ġeografika. Id-delimitazzjoni taż-żona ġeografika IĠP tqis il-fatturi li ġejjin:

l-istorja tal-produzzjoni fiż-żona,

id-distribuzzjoni tal-produzzjoni, skond ċensiment tal-produtturi li jkun sar mill-oragnizzazzjonijiet tal-produtturi,

il-karatteristiċi tal-ħamrija u tal-klima ta' l-artijiet li ntużaw għal għexieren ta' snin għall-kultivazzjoni tat-tewm.

Iż-żona ġeografika tinkludi l-200 komun li ġejjin, imqassma fuq żewġ dipartimenti:

| 154 komun ta' Gers | | |
|---|---|---|
| Ansan | Isle-Arne | Preignan |
| Ardizas | Isle-Bouzon | Pujaudran |
| Aubiet | Isle-Jourdain | Puycasquier |
| Augnax | Jégun | Puységur |
| Aurade | Juilles | Razengues |
| Avensac | Labrihe | Rejaumont |
| Avezan | Lagarde | Romieu |
| Ayguetinte | Lagardère | Roquefort |
| Bajonnette | Lalanne | Roquelaure |
| Beaucaire | Lamothe-Goas | Roquelaure-Saint-Aubin |
| Beaumont | Larressingle | Roquepine |
| Beaupuy | Larroque-Engalin | Rozès |
| Béraut | Larroque-Saint-Sernin | Sainte-Anne |
| Berrac | Lavardens | Saint-Antoine |

| | | |
|---|---|---|
| Bezolles | Lectoure | Saint-Antonin |
| Bivès | Lias | Saint-Avit-Frandat |
| Blanquefort | Ligardes | Saint-Brés |
| Blaziert | Lussan | Sainte-Christie |
| Bonas | Magnas | Saint-Clar |
| Brugnens | Maignaut-Tauzia | Saint-Créac |
| Cadeilhan | Mansempuy | Saint-Cricq |
| Cassaigne | Mansencome | Sainte-Gemme |
| Castelnau-d'Arbieu | Maravat | Saint-Georges |
| Castelnau-sur-l'Auvignon | Marestaing | Saint-Germier |
| Castera-lectourois | Marsan | Saint-Leonard |
| Castera-Verduzan | Marsolan | Sainte-Marie |
| Casteron | Mas-d'Auvignon | Saint-Martin-de-Goyne |
| Castet-Arrouy | Maurens | Sainte-Mère |
| Castillon-Saves | Mauroux | Saint-Mézard |
| Catonvielle | Mauvezin | Saint-Orens |
| Caussens | Mérens | Saint-Orens-Pouy-Petit |
| Céran | Miradoux | Saint-Paul-de-Baise |
| Cézan | Miramont-Latour | Saint-Puy |
| Clermont-Saves | Mirepoix | Sainte-Radegonde |
| Cologne | Monbrun | Saint-Sauvy |
| Condom | Monferran-Saves | Sarrant |
| Crastes | Monfort | Sauvetat |
| Encausse | Montaut-les-Crèneaux | Ségoufielle |
| Endoufielle | Montestruc-sur-Gers | Sempesserre |
| Escorneboeuf | Montiron | Sérempuy |
| Estramiac | Mouchan | Sirac |
| Flamarens | Nougaroulet | Solomiac |
| Fleurance | Pauilhac | Taybosc |
| Frégouville | Pergain-Taillac | Terraube |

| | | |
|---|---|---|
| Gaudonville | Pessoulens | Thoux |
| Gavarret-sur-Aulouste | Peyrecave | Touget |
| Gazaupouy | Peyrusse-Massas | Tournecoupe |
| Gimbrède | Pis | Tourrenquets |
| Gimont | Plieux | Urdens |
| Giscaro | Pouy-roquelaure | Valence-sur-baise |
| Goutz | Préchac | Saint-Caprais |
| Homps | | |
| 46 komun ta' Tarn et Garonne | | |
| Auterive | Faudoas | Marsac |
| Balignac | Gariès | Maubec |
| Beaumont-de-Lomagne | Gensac | Maumusson |
| Beaupuy | Gimat | Montain |
| Belbèse | Glatens | Montgaillard |
| Bouillac | Goas | Poupas |
| Bourret | Gramont | Puygaillard-de-Lomagne |
| Cause | Labourgade | Saint-Arroumex |
| Comberouger | Lachapelle | Saint-Cirice |
| Cordes-Tolosannes | Lafitte | Saint-Jean-du-Bouzet |
| Coutures | Lamothe-Cumont | Saint Loup |
| Cumont | Larrazet | Saint-Sardos |
| Dunes | Lavit | Sérignac |
| Escazeaux | Mansonville | Sistels |
| Esparsac | Marignac | Vigueron |
| Fajolles | | |

4.4. *Prova ta' l-oriġini:* Għall-identifikazzjoni tar-raba', il-produttur għandu jdaħħal fir-reġistru tal-kultivazzjoni: isem il-komun, il-medda, in-numru kadastrali, il-varjetà ta' l-uċuħ, u l-uċuħ li tkabbru qabel.

Għal kull lott imwassal sa' l-istazzjoni ta' l-imballaġġ, l-identifikazzjoni tar-raba' tidher fuq in-nota tat-twassil. Wara l-verifikazzjoni tal-konformità tal-lottijiet mal-karatteristiċi tat-tewm abjad ta' Lomagne, il-lottijiet "IĠP" jiġu identifikati speċifikament u ppakkjati seperatament mil-lottijiet l-oħra. L-ippakkjar (pallet jew unità tal-bejgħ) għandu numru uniku ta' indentifikazzjoni li jiggarantixxi t-traċċabbiltà tiegħu.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

Fl-istadju tal-produzzjoni:

L-attivitajiet kollha marbuta mal-produzzjoni, it-tnixxif u t-tqaxxir iseħħu fiż-żona ddenominata.

Iż-żerriegħa tingħażel mill-produttur skond il-lista tal-varjetajiet maħruġa kull sena mill-*Association de défense de l'Ail blanc de Lomagne* (l-Assoċjazzjoni għad-Difiża ta' l-"Ail Blanc de Lomagne") u jinżergħu biss żrieragħ ċertifikati.

Il-varjetajiet awtorizzati għaż-żrigħ jingħażlu skond iż-żewġ varjetajiet ta' kontroll imnissla mill-popolazzjoni oriġinali tal-"Blanc de Lomagne". Il-limiti ta' l-aċċettabbiltà għall-varjetajiet il-ġodda huma ddefiniti sabiex jitqabblu l-karatteristiċi tagħhom ma' dawk tal-varjetajiet ta' kontroll.

F'Lomagne, il-ħamrija xierqa għall-kultivazzjoni tat-tewm għandha kontenut ta' tafal ta' 'l fuq minn 20 %. Il-ħamrija aċiduża b'pH ta' anqas minn 7,5 mhix tajba għal dan. Analiżi fiżikokimika tar-raba' issir sabiex jiġi vverifikat li l-ħamrija tkun tajba għall-uċuħ.

Għat-taħwil ta' l-uċuħ, il-produttur jagħżel raba' qiegħed fiż-żona ġeografika u li ma ntużax għat-tkabbir tat-tewm għall-aħħar tliet staġuni tat-tkabbir. It-tewm lanqas ma jista' jitħawwel wara s-sorgu, il-qamħirrum, l-alfalfa jew allji oħra.

Iż-żrigħ isir bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Diċembru.

Kull intervent fitosanitarju għandu jiġi ġġustifikat minn osservazzjonijiet li jkunu saru fuq ir-rarba' u/jew osservazzjonijiet mit-tekniċi fuq ir-raba' ta' referenza u/jew minn bulettin tekniku. Sabiex jiġu alternati s-sustanzi attivi użati, il-produttur għandu jirreferi għall-informazzjoni mniżżla fir-reġistru tal-kultivazzjoni dwar miżuri fitosanitarji preċedenti, kif ukoll il-lista tal-prodotti approvati għall-koltivazzjoni. Darba kull sentejn iridu jsiru verifiki djanjostiċi fuq it-tagħmir tal-bexx.

L-istrateġija tal-fertilizzazzjoni trid tkun imsejsa fuq analiżi tal-ħamrija tar-raba' li tkun saret inqas minn tliet snin qabel. Il-fertilizzant għandu jingħata bil-mod il-mod u f'ammonti limitati u għandu jqis li l-istadju veġetattiv tal-pjanti.

Sabiex wieħed jara meta għandu jibda l-ħsad, il-produttur għandu jagħti kas l-indikaturi viżivi tal-maturità (il-weraq jisfaru, il-parti taz-zokk fejn l-art tibda tirtab) kif ukoll ir-relazzjoni tal-piż ta' l-irjus mal-piż tal-weraq.

It-tnixxif tat-tewm tradizzjonalment isir billi jiddendel minn ma' virga jew bil-ventilazzjoni dinamika. It-telf tal-piż tat-tewm jiġi studjat sabiex jiġi kkontrollat kemm ikun mexa 'l quddiem il-proċess tat-tnixxif, li waqtu l-irjus jitilfu bejn 20 % sa 30 % tal-piż oriġinali li kellhom meta nħasdu.

Wara t-tnixxif, it-tewm għandu jitqaxxar bl-idejn sabiex jiġi żgurat li l-irjus ikunu bojod biżżejjed. Dan jinvolvi t-tneħħija tas-saffi ta' barra tar-rita li jkunu midbiela, tilfu lewnhom jew imqattgħin, filwaqt li l-aħħar saff jibqa' bla mittiefes. Waqt it-tqaxxir, l-għeruq jinqatgħu bl-idejn fil-livell tal-qalba fejn jingħaqdu mir-ras, bl-attenzjoni kollha biex din ma jsirilhiex ħsara.

Bħal fl-imgħoddi, it-tewm jintgħażel u jiġi approvat fiż-żona delimitata, jew fl-istazzjon ta' l-imballaġġ jew fil-farm. Il-lokalizzazzjoni ta' dan ix-xogħol tagħmilha wkoll possibbli li tiġi ggarantita t-traċċabbiltà tal-prodott.

Wara li jiġi approvat, it-tewm maħsub bil-faxxina jista' mbagħad jiġi ppreżentat bil-mod tradizjonali għall-"Ail blanc de Lomagne", per eżempju f'għenieqed, faxex jew basktijiet.

4.6. *Rabta:*

Ir-reputazzjoni tal-bieraħ u tal-lum:

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istorja tal-produzzjoni, ġabra ta' l-1868 ta' statistika agrikola għaż-żona ta' Castelsarrasin issemmi l-importanza tat-tkabbir tat-tewm għall-ekonomija ta' Tarn et Garonne. Mill-1902, fil-komun ta' Beaumont de Lomagne, kienu qed jintużа 80 ettaru għat-tewm. Kif turi l-istatistika agrikola ta' kull sena, it-tkabbir tat-tewm baqa' jinfirex f'Lomagne tul is-seklu 20: 500 ettaru fl-1929, 2 810 ettaru fl-1980.

Mill-1936, il-ħolqien ta' l-"établissements DURAN" kif ukoll il-bidu tas-swieq tradizzjonali li fihom il-bdiewa setgħu ibigħu il-prodott żejjed tagħhom jagħtu xhieda ta' kemm ilu l-kummerċ tat-tewm f'Lomagne.

Mill-bidu tas-snin sittin, seħħew bosta avvenimenti bit-tewm bħala t-tema ċentrali tagħhom: l-ewwel konkors għall-isbaħ faxx tewm sar f'Beaumont de Lomagne fl-1961.

Il-festival tat-tewm ta' Beaumont de Lomagne ilu jsir fl-istess jum mill-1994.

Mill-1960, kien hemm għadd ta' studji li saru bil-għan li jitjiebu t-tekniki tal-produzzjoni. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji ġew ippreżentati waqt il-jiem nazzjonali tat-tewm li saru f'Beaumont de Lomagne bejn l-1966 u l-1974.

L-avvenimenti diversi marbuta mat-tewm abjad ta' Lomagne, inklużi l-kompetizzjonijiet tat-tekniki ta' preżentazzjoni tradizzjonali, kollha jagħtu lill-produzzjoni tat-tewm karattru allegru u brijuż u jkabbru r-resputazzjoni tal-prodott.

*Karatteristiċi oħra*: iż-żamma tal-ħiliet tradizzjonali

Il-produzzjoni tat-tewm abjad ta' Lomagne hija kkaratterizzata miż-żamma tal-ħiliet tradizzjonali antiki, bħat-tewm imdendel biex jinxef, it-tqaxxir bl-idejn u l-preżentazzjoni tradizzjonali (faxex, għenieqed jew basktijiet).

It-tnixxif tradizzjonali jikkonsisti f'li t-tewm jiddendel, bil-faxxina b'kollox, minn stikek, f'post mgħotti iżda miftuħ fil-ġnub. L-"Autan", riħ sħun u niexef li jonfoħ mill-Mediterran, għandu rwol importanti fil-proċess tat-tnixxif naturali. Spiss jonfoħ f'Lomagne u b'hekk jgħin biex tinżamm it-teknika tat-tnixxif tradizzjonali fil-beraħ.

It-tqaxxir obbligatorju bl-idejn jiżgura li l-prodott ikollu dehra impekkabbli li hija karatteristika ta' l-"Ail blanc de Lomagne": ras omoġenea bajda mingħajr daqqiet jew tiċrit, bl-għeruq maqtugħa b'mod uniformi.

Il-fatt li mhemmx bont riġidu jippermetti li t-tewm abjad ta' Lomagne jiġi ppreżentat bil-mod karatteristiku, f'faxex u għenieqed. Din il-preżentazzjoni tradizzjonali hija prominenti ħafna fl-avvenimenti organizzata madwar "l'Ail blanc de Lomagne."

4.7. *Organu ta' spezzjoni:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Qualisud |
| Indirizz: | BP 102 Agropole<br>F-47000 Agen |
| Tel. | (33) 558 06 15 21 |
| Feks | (33) 558 75 13 36 |
| Posta elettronika: | Qualisud@wanadoo.fr |

Qualisud huwa organu approvat u akkreditat li jiċċertifika skond l-istandard EN 45011.

4.8. *Tikkettar:* Bla ħsara għar-regoli speċifiċi u regolamenti oħra Franċiżi, Komunitarji jew internazzjonali, it-tikketta jrid ikollha l-informazzjoni IĠP li ġejja:

— isem il-prodott: "Ail Blanc de Lomagne",

— il-logo Komunitarju "IĠP",

— in-numru tas-serje tal-lott.